KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 22

**Laqgħa Urgenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 22, miżmuma nhar il-Hamis 17 ta' Settembru 2020 fis-5.30pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' fil-għaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Skużati

Kunsilliera Graziella Galea
Kunsillier Anthony Angelo Attard

## 22.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

Il-Kunsill irċeva ittra ta' apoloġija mingħand Kunsilliera Graziella Galea u Anthony Angelo Attard

**22.2 Zvilupp infrastrutturali zona ta' bejn Triq Parades u Triq San Pawl**
**Il-laqgħa bdiet 5.30pm**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-laqgħa b'urgenza ssejħet fid-dawl ta' proposta li tressqet għall-konsiderazzjoni tal-kunsill mis-Sur M.Fenech li ghandu l-applikazzjoni PA 7499/19 ghal zvilupp infrastrutturali fiz-zona ta' bejn Triq Parades u Triq San Pawl pendent ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar.

Il-Kunsill kien resaq oġġezjoni dwar din l-applikazzjoni minhabba diversi aspetti. Konsegwenza ta' hekk, l-izviluppatur ta' l-art inkwistjoni għamel kuntatt mall-Kunsill fejn ressaq tlett proposti ghal kunsiderazzjoni.
Il-proposti huma;

*Proposta* ***(1)***

Illi, l-applikazzjoni tal-permess PA 7499/19 tibqa għaddejja.
- Illi, il-kunsill lokali jakkwista 200$^2$ mis-sit pubblika proprjetà ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet, biex din tigi trasferita fuq il-kumpanija tas-Sur Fenech.
- Illi, il-kumpanija titrasferixxi nofs il-livell tal-ewwel sular lill-kunsill lokali.

*Proposta* ***(2)***

- Illi, is-Sur Fenech jemenda l-applikazzjoni attwali PA 7499/19 fejn issir rikjesta ghal sular addizzjonali.
- Illi, -kunsill lokali jakkwista 200$^2$ mis-sit pubblika proprjetà ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet, biex din tigi trasferita fuq il-kumpanija tas-Sur Fenech.
- Illi, il-kumpanija titrasferixxi l-livell tal-ewwel sular kollu lill-kunsill lokali.

*Proposta* ***(3)***

- Illi, l-istess bhal proposta numru (2),
- Illi, tinbena blokka ġdida ta 'appartamenti mibnija fi Triq Parades,
- Illi, titwaqqa' il-binja eżistenti li fil-prezent tinkludi wkoll il-Fergħa tal-BO V,
- Illi, b'hekk tinholoq pjazza / spazju miftuħ akbar.
- Illi, il-Kunsill Lokali jakkwista spazju addizzjonali kif meħtieġ għal dak imsemmi fl-għażla 2.

Is-Sur M.Fenech enfazizza li t-tliet għażliet għandhom jinkludu l-possibbiltà li jithaffer spazju addizzjonali għall-parkeġġi ezistenti/ taht il-pjazza bil-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar biex jintużaw bħala spazji ghall-karozzi, garaxxijiet u parkeġġ pubbliku. Li għandha ssir ukoll diskussjoni bejn il-partijiet biex jintlaħaq ftehim dwar kif se jinqasam il-parkeġġ. Importanti ħafna li l-applikazzjoni li għandu bħalissa ma l-Awtorità ta' l-Ippjanar tibqa ghaddeja bil-proċess għall-permess fejn kwalunkwe emenda addizzjonali tiddaħħal wara sabiex ma jinħelax il-ħin. Li jistenna bil-ħerqa li jkolli reazzjonijiet minn naha tal-kunsill dwar liema għażla tkun l-iktar attraenti għall-kunsill biex jitkomplew id-diskussjonijiet.

Is-Sindku nforma ukoll, li l-applikazzjoni PA 7499/19 giet deferita għal 20 ta'Ottubru 2020 fuq talba ta' l-izviluppatur stess nhar il-15 ta' Settembru, 2020.

5.40pm: Il-laqgħa ġiet sospiza għal ftit ħin sabiex ikun jista jitkellem il-Perit tal-Kunsill fejn ta' il-pariri tiegħu fuq kull proposta prezentata.

6.15pm: Il-laqgħa nfetħet mill-ġdid fejn il-Kunsilliera unanimament approva illi;

Jinfetħu diskussjonijiet ma l-Awtorita ta' l-Artijiet kif ukoll ma kull min hemm bzonn sabiex titmexxa l-quddiem il-proposta numru tlieta li tressqet mis-Sur M. Fenech. Il-Kunsill jemmen li t-tali proposta hija ta' sosten ghall-lokalita ghax mhux biss se jiġi nkorporat l-Ufficju

Aministrattiv tal-Kunsill fl-izvilupp inkwistjoni, imma ukoll ghaliex hi okkazzjoni unika li tinholoq pjazza fil-qalba ta' San Pawl il-Baħar li llum ma tezistiex. Dan apparti li jinbena parkeġġ pubbliku ghal gwadann tal-komunita. Fl-attwalita li jintlahaq ftehim bejn il-partijiet kollha, ghandu jigi ffirmat MOU bejn is-sid u l-Kunsill, fejn irid jigi zgurat li l-izvilupp ma jostakolax l-passagg ta' l-ilma tax-xita ezistenti li jinsab biswit is-sit.

Il-Kunsill qabel li s-Sur M.Fenech jigi notifika b'din id-decizzjoni mmedjatament.

**Il-Lagħqa ntemmet 6.30pm**

____________________ ________________________

Alfred Grima
Sindku

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv